SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

15 ta' Mejju 2008 *

Fil-Kawża C-442/04,

li għandha bħala suġġett rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 KE, imressaq fil-21 ta' Ottubru 2004,

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn E. Braquehais Conesa u A. Sampol Pucurull, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrent,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn J. Monteiro u F. Florindo Gijón, bħala aġenti,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

sostnut minn

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn T. van Rijn u F. Jimeno Fernández, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President tal-Awla, J. Makarczyk, P. Kūris (Relatur), J.-C. Bonichot u C. Toader, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jitlob l-annullament tal-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1415/2004, tad-19 ta' Lulju 2004, li jistabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal ċertu żoni tas-sajd u sajd [meded ta' baħar bil-ħut] (ĠU L 258, p. 1).

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 1954/2003

2 L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, p. 59), jipprovdi li "il-Kunsill għandu jistabbilixxi miżuri li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insegwiment ta' attivitajiet tas-sajd". L-Artikolu 4(2)(f), tal-istess regolament isemmi, fost dawn il-miżuri, dawk intiżi sabiex jiġi limitat l-isforz għas-sajd; dan huwa, għal bastiment, il-prodott tal-kapaċità u l-attività tiegħu u, għal grupp ta' bastimenti, it-total tal-isforz għas-sajd tal-bastimenti kollha fil-grupp.

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003, tal-4 ta' Novembru 2003, dwar l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95 (ĠU L 289, p. 1) huwa wieħed minn dawn il-miżuri li, skont l-Artikolu 1 tiegħu, jistabbilixxi l-kriterji u l-proċeduri għal sistema li tirrigwarda l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd fiż-żoni V, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES kif ukoll fid-diviżjonijiet 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0. ta' CECAF.

4 Skont it-tieni u r-raba' premessi tar-Regolament Nru 1954/2003, dan huwa intiż b'mod partikolari, wara l-iskadenza li seħħet fil-31 ta' Diċembru 2002 tad-dispożizzjonijiet tal-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża u l-aġġustamenti għat-Trattati (ĠU 1985, L 302, p. 23, iktar'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni") li jirregola l-aċċess għal ċerti żoni u riżorsi, sabiex jadatta għas-sitwazzjoni legali ġdida ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill(KE) Nru 685/95, tas-27 ta' Marzu 1995, dwar l-amministrazzjoni [immaniġġjar] tax-xogħol tas-sajd li għandu x'jaqsam ma' ċerti arji u riżorsi tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 71, p. 5), u (KE) Nru 2027/95, tal-15 ta' Ġunju tal-1995,

li jistabilixxi sistema għall-amministrazzjoni tal-isforzi li jsiru fis-sajd dwar ċerti arji u riżorsi tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 199, p. 1), kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 149/1999, tad-19 ta' Jannar 1999 (ĠU L 18, p. 3), kif ukoll sabiex jiżgura li ma jkun hemm ebda żidiet fil-livelli ġenerali tal-isforz eżistenti għas-sajd fiż-żoni kkonċernati.

5 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1954/2003, intitolat "Miżuri dwar il-qbid ta' speċi tal-qiegħ u ċerti molluski u krustaċji", jgħid hekk:

"1. Ħlief għaż-żona definita fl-Artikolu 6(1), l-Istati Membri għandhom:

a) jagħmlu stima tal-livelli ta' sforzi għas-sajd magħmula minn bastimenti ta' 15-il metru jew aktar fit-tul kollu, bħala medja annwali tal-perjodu 1998 sa 2002, f'kull waħda miż-żoni ta' l-ICES u d-diviżjonijiet ta' CECAF imsemmijin fl-Artikolu 1 għal meded ta' baħar b'ħut tal-qiegħ, ħlief meded ta' ħut tal-qiegħ, dawk koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi għall-aċċess u kondizzjonijiet applikabbli fis-sajd għal stokkijiet ta' ħut f'baħar fond u meded ta' baħar b'molluski bivalvi tal-familja Pectinidae, granċi ta' l-ikel u għaġuż, kif preskritt fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Biex ikun kalkolat l-isforz għas-sajd il-kapaċità għas-sajd ta' bastiment għandha titkejjel bħala l-potenza elettrika stallata espressa f'kilowatts (kW);

b) jallokaw il-livell ta' l-isforz stmat għas-sajd li jikkonforma mas-subparagrafu (a) f'kull żona ta' l-ICES jew diviżjoni ta' CECAF, għal kull medda ta' baħar fejn jinqabad il-ħut, imsemmija fis-subparagrafu (a).

[…]"

6 Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1954/2003:

"1. L-isforz għas-sajd ta' dgħajjes tas-sajd ta' 15-il-metru jew inqas fit-tul kollu jrid jiġi stmat globalment għal kull medda ta' baħar tal-ħut jew żona jew diviżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3(1) matul il-perjodu 1998 sa 2002.

2. L-isforz għas-sajd ta' dgħajjes tas-sajd ta' 10 metri jew inqas fit-tul kollu jrid jiġi stmat globalment għal kull medda ta' baħar bil-ħut jew żona jew diviżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 6(1) matul il-perjodu 1998 sa 2002.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-isforz għas-sajd ta' dawn id-dgħajjes ikun limitat għal-livell ta' sforz għas-sajd stmat li jikkonforma mal-paragrafi 1 u 2."

7 Barra minn hekk, l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 jistabbilixxi sistema ta' sforzi speċifiċi applikabbli għal żona bijoloġikament sensittiva lil hinn mill-kosta ta' l-Irlanda, li fir-rigward tagħha "Stati Membri għandhom jagħmlu stima tal-livelli ta' l-isforz għas-sajd eżerċitat minn bastimenti ta' 10 metri jew aktar fit-tul kollu, bħala medja annwali għall-perjodu 1998 sa 2002, għal meded ta' baħar bil-ħut tal-qiegħ, minbarra dawk koperti mir-Regolament (KE) Nru 2347/2002, u meded ta' baħar b'molluski bivalvi tal-familja Pectinidae, granċi li jittieklu u għaġuż, u jallokaw il-livell ta' sforz għas-sajd hekk stmat għal kull waħda minn dawk il-meded ta' baħar bil-ħut."

8 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament Nru 1954/2003 jipprovdi li, fuq il-bażi ta' informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, din tippreżenta lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea proposta dwar Regolament li jiffissal-isforz massimu annwali għas-sajd għal kull Stat Membru u

għal kull żona u medda ta' baħar definiti fl-Artikoli 3 u 6, u li l-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata dwar il-proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar dan l-isforz. Huwa b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li l-Kunsill adotta r-Regolament Nru 1415/2004.

Ir-Regolament Nru 1415/2004

9 Ir-Regolament Nru 1415/2004 jistipola kif ġej:

"*Artikolu 1*

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-isforz annwali massimu tas-sajd għal kull Stat Membru u għal kull żona u sajd [medda ta' baħar bil-ħut] definiti fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003.

Artikolu 2

Livelli massimi

1. Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd [medda ta' baħar bil-ħut], u skond l-Istat Membru, għaż-żoni msemmija fl-Artikolu 3 (1) (a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003, huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd skond il-grupp ta' speċi, żona u sajd [medda ta' baħar bil-ħut], u skond l-Istat Membru, għaż-żona msemmija fl-Artikolu 6 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003, huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Transitu minn żona

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-użu ta' l-allokazzonijiet ta' l-isforz tas-sajd skond iż-żona, kif definit fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003, ma jirriżultax f'aktar żmien mgħoddi fis-sajd meta mqabbel mal-livelli ta' l-isforz tas-sajd magħmul matul il-perijodu ta' referenza.

2. Sforz tas-sajd stabbilit bħala riżultat ta' bastiment li jkun fi transitu minn żona fejn l-ebda operazzoni ta' sajd ma twettqet matul il-perijodu ta' referenza ma għandux jintuża sabiex jitwettqu operazzjonijiet ta' sajd f'dik iż-żona. Kull Stat Membru għandu jirreġistra sforz tas-sajd bħal dan b'mod separat.

Artikolu 4

Metodoloġija

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-metodu użat biex ikun irreġistrat sforz tas-sajd ikun l-istess bħal dak użat fl-istima tal-livelli ta' sforz tas-sajd taħt l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1954/2003.

Artikolu 5

Osservanza ta' skemi oħra ta' limitazzjoni ta' l-isforz tas-sajd

Il-livelli massimi ta' l-isforz annwali tas-sajd stabbiliti fl-Annessi I u II għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd stabbiliti fil-pjanijiet ta' rkupru jew xi miżuri oħra ta' mmaniġġjar skond il-liġi tal-Komunità basta li l-miżura bl-inqas ammont ta' sforz tas-sajd tkun osservata.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

[…]"

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

10 Peress illi fid-29 ta' Jannar 2004 r-Renju ta' Spanja ressaq rikors, irreġistrat taħt ir-referenza C-36/04, intiż għall-annullament tal-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament

Nru 1954/2003, kien ġie deċiż, fit-2 ta' Marzu 2005, li l-proċeduri f'din il-kawża jiġu sospiżi sakemm tingħata s-sentenza li taqta' dan ir-rikors.

11 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni tħalliet tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill fil-kawża preżenti.

12 Permezz ta' sentenza tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-36/04, Ġabra p. I-2981), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors intiż għall-annullament biss tal-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 billi ddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet kienu inseparabbli mill-kumplament ta' dan ir-regolament, b'mod li dan ir-rikors kien inammissibbli.

13 Sussegwentement għal din is-sentenza u għat-tkomplija tal-proċeduri fil-kawża preżenti, ir-Renju ta' Spanja qajjem formalment fir-replika tiegħu eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 1954/2003 u żamm it-talbiet tiegħu intiżi għall-annullament tal-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament Nru 1415/2004 u għall-kundanna tal-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

14 Il-Kunsill u l-Kummissjoni talbu li r-rikors jiġi miċħud u li r-Renju ta' Spanja jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

Fuq l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità

L-argumenti tal-partijiet

15 Il-Kunsill jikkunsidra li l-eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 1954/2003 imqajma mir-Renju ta' Spanja hija inammissibbli, peress li, minn naħa, din kienet

ġiet invokata tard, jiġifieri fl-istadju tar-replika u mhux tar-rikors, u, min-naħa l-oħra, l-Istat Membru ma jistax, fi kwalunkwe każ, jikkontesta l-validità tal-imsemmi regolament wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE.

16 Huwa jsostni, minn naħa, li l-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċedura jipprojbixxi l-preżentata ta' talbiet ġodda fil-kawża u li ċ-ċaħda tar-rikors imressaq mir-Renju ta' Spanja fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala fatt ġdid, skont din id-dispożizzjoni.

17 Huwa josserva, min-naħa l-oħra, li, kieku Stat Membru kien awtorizzat jikkontesta l-validità ta' regolament Komunitarju wara l-iskadenza tat-terminu previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE billi jqajjem eċċezzjoni ta' illegalità kull darba li istituzzjoni tadotta att li jimplementa dan ir-regolament, ikun possibbli li jiġu kkontestati b'mod indefinit atti Komunitarji li jipproduċu effetti ġuridiċi li jkun kuntrarju għall-għan tat-termini tar-rikors li huwa li tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali. Għalkemm ir-Regolament Nru 1954/2003 kien ġie kkontestat fit-terminu msemmi iktar'il fuq mir-Renju ta' Spanja fil-kawża li tat lok għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar'il fuq, u għalkemm dan mhuwiex deċiżjoni, għandha xorta waħda tiġi applikata f'dan il-każ il-ġurisprudenza abbażi ta' liema d-destinatarju ta' deċiżjoni adottata mill-istituzzjonijiet Komunitarji u li ma ġietx ikkontestata minnu fit-terminu previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE ma jistax jinvoka l-illegalità ta' din id-deċiżjoni, peress li din saret definittiva fir-rigward tiegħu (sentenza tal-15 ta' Novembru 1983, Il-Kummissjoni vs Franza, 52/83, Ġabra p. 3707, punt 10; tad-9 ta' Marzu 1994, TWD Textilwerke Deggendorf, C-188/92, Ġabra p. I-833, punt 13, u tal-15 ta' Frar 2001, Nachi Europe, C-239/99, Ġabra p. I-1197, punt 29).

18 Il-Kummissjoni, li interveniet insostenn tal-Kunsill u li trid li r-rikors jiġi miċħud bħala infondat, tesponi li r-Regolament Nru 1954/2003 u r-Regolament Nru 1415/2004, li kull ma jagħmel huwa li jimplementa dak preċedenti, huma tant marbuta mill-qrib li r-rikors preżenti huwa biss repetizzjoni, kważi litterali, tar-rikors li ta lok għas-sentenza ċċitata iktar'il fuq Spanja vs Il-Kunsill. Ir-rikors preżenti mhuwiex realment

intiż kontra r-Regolament Nru 1415/2004, iżda pjuttost huwa intiż kontra l-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, peress illi l-ebda mill-motivi mressqa ma jsemmu speċifikament jew direttament ir-Regolament Nru 1415/2004. Fl-aħħar nett, billi jkompli din il-proċedura wara l-għoti tas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar'il fuq, ir-Renju ta' Spanja qed jipprova jevita l-effetti ta' din is-sentenza. Peress li din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors tiegħu, ir-rikors preżenti huwa "mingħajr skop".

19 Minbarra dan, skont il-Kummissjoni, ir-rikorrent ma jistax iqajjem eċċezzjoni ta' illegalità ta' att li kontrih huwa seta' ressaq rikors għal annullament. Barra minn hekk, din l-eċċezzjoni, li ma tqajjimx kwistjoni ta' ordni pubbliku, kien imissha kienet espliċitament invokata fl-istadju tar-rikors. Din tqajmet barra mit-terminu u tikkostitwixxi l-introduzzjoni ta' talba ġdida kif ukoll emenda tat-talba inizjali, bi ksur tal-Artikolu 42 tar-Regoli tal-Proċedura. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rikors preżenti għandu jiġi miċħud mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat il-mertu tal-kawża.

20 Ir-Renju ta' Spanja jsostni li r-Regolamenti Nri 1954/2003 u 1415/2004 jippreżentaw rabta ġuridika diretta u li s-sentenza Spanja v Il-Kunsill, iċċitata iktar'il fuq, tikkostitwixxi element ġdid ta' fatt u ta' dritt li rriżulta matul il-proċedura, b'mod li l-eċċezzjoni ta' illegalità li huwa jqajjem hija ammissibbli. Huwa jżid li din l-eċċezzjoni ma tippreġudikax il-prinċipju ta' ċertezza legali u lanqas il-prinċipju tar-*res judicata*, peress li huwa ressaq fit-termini previsti rikors kontra r-regolament bażiku u r-regolament ta' implementazzjoni u li l-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidiex fuq il-mertu fis-sentenza preċedenti tagħha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

21 Skont l-Artikolu 241 KE, "[f]il-każ ta' kontroversja dwar regolament adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, jew regolament tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, jew

tal-[Bank Ċentrali Ewropew], kull parti tista' tibbaża ruħha fuq it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 230 sabiex tinvoka quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-inapplikabiltà ta' dak ir-regolament għalkemm ikun skada l-perijodu previst fil-ħames paragrafu ta' l-Artikolu 230".

22 Minn dan l-Artikolu jirriżulta li Stat Membru jista', fl-okkażjoni ta' kawża, jikkontesta l-legalità ta' regolament li kontrih huwa ma ressaqx rikors għal annullament qabel l-iskadenza tat-terminu previst fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Għandu jiġi osservat f'dan ir-rigward li, peress illi d-dritt tal-Istati Membri li jressqu rikors għal annullament kontra regolament mhuwiex limitat, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill u l-Kummissjoni li skontha, essenzjalment, Stat Membru ma jistax jeċepixxi l-illegalità ta' regolament wara l-iskadenza tat-terminu msemmi iktar'il fuq, peress li huwa seta' jitlob għall-annullament ta' dan f'dan it-terminu, tkun tfisser, jekk tiġi milqugħa, li l-Istati Membri m'għandhomx id-dritt li jqajmu, fil-każ ta' kwistjoni, il-legalità ta' regolament sabiex jinvokaw quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-inapplikabbiltà tiegħu. Peress illi tali soluzzjoni tkun, hekk kif sostna l-Avukat Ġenerali fil-punt 61 tal-konklużjonijiet tiegħu, kuntrarja għall-kliem stess tal-Artikolu 241 KE li jagħti dan id-dritt lill-"partijiet kollha" (ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs BĊE, C-11/00, Ġabra p. I-7147, punt 76), hemm lok li din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tiġi miċħuda.

23 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' inammissibiltà mqajma mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, ibbażata fuq it-tardività tal-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja, huwa stabbilit li din l-eċċezzjoni ġiet ippreżentata formalment fir-replika, wara l-għoti tas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar'il fuq, li tiċħad ir-rikors imressaq mir-rikorrent kontra l-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, filwaqt li, minn naħa, eċċezzjoni bħal din fil-prinċipju għandha, sabiex tkun ammissibbli, tkun ġiet ifformulata fir-rikors u, min-naħa l-oħra, iċ-ċaħda ta' dan ir-rikors ma tistax tkun, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-Renju ta' Spanja, ikkunsidrata bħala element ta' fatt jew ta' dritt irrilevat matul il-proċedura skont l-Artikolu 42(2) tar-Regoli ta' Proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' April 1982, Dürbeck vs Il-Kummissjoni, 11/81, Ġabra p. 1251, punt 17).

24 Madankollu, f'dan il-każ, jirriżulta mir-rikors li r-Renju ta' Spanja jitlob permezz ta' dan l-annullament tal-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament Nru 1415/2004, li jikkostitwixxu d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament, għar-raġuni biss li dan tal-aħħar jimplementa l-Artiloli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 li fir-rigward tagħhom huwa jikkontesta l-legalità billi jsostni li dawn l-artikoli jippreġudikaw il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u li l-Kunsill wettaq abbuż ta' poter billi adotta l-Artikolu 6 ta' dan l-aħħar regolament. Issa, filwaqt li jqajjem espliċitament fir-replika eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 1954/2003, ikkunsidrat kollu kemm hu, ir-Renju ta' Spanja ma jintroduċix, insostenn ta' din, talbiet oħra għajr dawk diġà mressqa fir-rikors, li fuqhom il-Kunsill seta' jieħu pożizzjoni fir-risposta. Għalhekk jidher li l-eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 1954/2003 kienet impliċitament iżda inekwivokament kontenuta fir-rikors, b'mod li l-eċċezzjoni ta' inammissibiltà ibbażata fuq it-tardività tagħha għandha wkoll tkun miċħuda.

25 Minbarra dan, għandu jiġi osservat li l-eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 1954/2003 imqajma mir-Renju ta' Spanja ma tmurx kontra l-awtorità tar-*res judicata*. Din fil-fatt hija konnessa biss mal-punti ta' fatt u tad-dritt li ġew effettivament jew neċessarjament deċiżi permezz mid-deċiżjoni ġudizzjarja inkwistjoni (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Issa, permezz tas-sentenza tagħha Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx fuq il-legalità tal-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 imsemmija fl-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma fil-kawża preżenti, iżda ċaħdet it-talbiet intiżi għall-annullament tagħhom peress li huma kienu inammissibbli.

26 Minn dan kollu li jippreċedi jirriżulta li l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-Renju ta' Spanja hija ammissibbli u li jeħtieġ li jiġu eżaminati fil-mertu, il-motivi mressqa insostenn tagħha, li huma bbażati, l-ewwel nett, fuq ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u t-tieni nett, fuq abbuż ta' poter.

Fuq il-fondatezza tal-eċċezzjoni ta' illegalità

Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

27 Billi jinvoka l-Artikoli 12 KE u 34(2) KE, ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, implementat mir-Regolament Nru 1415/2004, jinkludu elementi diskriminatorji fir-rigward tal-flotta Spanjola meta mqabbla ma' dik ta' Stati Membri oħra, peress li l-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika ta' din il-flotta li tirriżulta mill-Att ta' Adeżjoni. Dawn l-elementi diskriminatorji jinstabu fil-perijodu ta' referenza kkunsidrat f'dawn l-artikoli sabiex jiġi kkalkolat l-isforz għas-sajd kif ukoll fid-delimitazzjoni taż-żona bijoloġikament sensittiva definita fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1954/2003.

28 Fil-fatt, l-ewwel nett, il-perijodu ta' referenza kkunsidrat, mill-1998 sal-2002, jikkorrispondi ma' perijodu li fih ir-Renju ta' Spanja kien suġġett, minħabba s-sistema tranżitorja stabbilita mill-Att ta' Adeżjoni u li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2002, għal restrizzjonijiet fil-qasam tas-sajd iktar sinjifikanti minn dawk imposti fuq l-Istati Membri oħra. Mill-1996, wara r-reviżjoni tas-sistema tranżitorja li seħħet fis-sena 1995 bir-Regolamenti Nri 685/95 u 2027/95, il-flotta Spanjola biss kienet suġġetta għal sistema li tikkonsisti, minn naħa, mir-restrizzjonijiet ta' aċċess għaż-żoni V b, VI, VII u VIII a, b, d u e tal-ICES previsti fl-Artikolu 158 tal-Att ta' Adeżjoni u li tillimita, min-naħa l-oħra, il-preżenza simultanja ta' bastimenti fiż-żona sensittiva msejħa "Irish Box", li issa hija parzjalment koperta minn żona bijoloġikament sensittiva definita fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1954/2003. Konsegwentement, peress li l-Istati Membri ma kinux f'sitwazzjoni identika fil-perijodu ta' referenza, il-fatt li dan ġie kkunsidrat sabiex jiġi kkalkulat l-isforz għas-sajd għandu bħala effett li jipperpetwa miżuri tranżitorji u, b'hekk, diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità.

29 It-tieni nett, l-istabbiliment taż-żona bijoloġikament sensittiva u l-proċedura ta' kalkolu tal-isforz annwali massimu tas-sajd għal din iż-żona huma diskriminatorji għall-flotta Spanjola u jimmanifestaw tentattiv li titkompla l-applikazzjoni ta' miżuri analogi għal dawk li kienu applikabbli fl-Irish Box preċedenti, li kienu wkoll diskriminatorji għall-flotta Spanjola. Ir-raġuni tad-delimitazzjoni ta' din iż-żona mogħtija mis-seba' premessa tar-Regolament Nru 1954/2003, jiġifieri l-eżistenza f'dan il-post ta' konċentrazzjoni b'saħħitha tal-marlozz, fir-realtà sservi biss sabiex tiġġustifika ż-żamma ta' dawn il-miżuri diskriminatorji.

30 Il-Kunsill isostni li l-limitazzjoni tal-isforz għas-sajd hija miżura li hija intiża sabiex jiġi limitat in-numru ta' jiem ta' sajd ta' ċerti bastimenti f'ibħra speċifiċi bil-għan li jingħata kontribut għall-kontinwità tar-riżorsi tas-sajd u li trendi wkoll iktar effikaċi l-limitazzjonijiet tal-qbid stabbiliti għal ċerti stokkijiet ta' ħut. Huwa jsostni li l-limitazzjoni tal-isforz għas-sajd abbażi tal-isforz magħmul minn kull flotta nazzjonali f'kull żona u għal kull sajd matul il-perijodu mill-1998 sal-2002, stabbilita mir-Regolament Nru 1954/2003, tapplika għall-bastimenti Komunitarji kollha tas-sajd, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, b'mod li ma teżistix diskriminazzjoni sfaċċata minħabba n-nazzjonalità. Għalkemm il-forom kollha dissimulati ta' diskriminazzjoni huma wkoll ipprojbiti, għandha madankollu, skont il-Kunsill, tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza li skontha, miżura għandha tkun ikkunsidrata bħala diskriminazzjoni biss jekk din tkun arbitrarja, jiġifieri nieqsa minn ġustifikazzjoni u mhux fondata fuq kriterji ta' natura oġġettiva (sentenzi tal-15 ta' Settembru 1982, Kind vs KEE, 106/81, Ġabra p. 2885, punt 22; tad-9 ta' Lulju 1985, Bozzetti, 179/84, Ġabra p. 2301, punt 34, u tal-14 ta' Lulju 1994, Il-Greċja vs Il-Kunsill, C-353/92, Ġabra p. I-3411, punt 25). Issa, il-kriterju użat f'dan il-każ sabiex jiġi limitat l-isforz għas-sajd, jiġifieri l-isforz magħmul f'perijodu preċedenti reċenti, huwa totalment ġustifikat, xieraq u proporzjonat għall-għan imħaddan.

31 Minbarra dan, skont il-Kunsill, ir-rikorrent ma jistabbilixxi la li l-limitazzjonijiet tal-isforz għas-sajd imposti mir-Regolamenti Nri 685/95 u 2027/95 kienu iktar severi minn dawk imposti fuq Stati Membri oħra, u lanqas li, fin-nuqqas ta' dawn il-limitazzjonijiet, l-isforz eżerċitat mill-bastimenti Spanjoli kien ikun għola minn dak effettivament eżerċitat matul il-perijodu mill-1998 sal-2002.

32 Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-isforz għas-sajd fiż-żona bijoloġikament sensittiva definita fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, il-Kunsill isostni li restrizzjoni speċifika tal-isforz għas-sajd f'din iż-żona hija intiża sabiex tipprevjeni r-riskju li, minħabba r-restrizzjoni li tapplika għal żoni kbar bħaż-żoni ICES u CECAF, l-isforz għas-sajd ikun ikkonċentrat fuq żoni speċifiċi, bħal dawk inkwistjoni, li fihom teżisti konċentrazzjoni b'saħħitha ta' marlozz. Din iż-żona mhijiex l-istess bħall-Irish Box, peress li din tirrappreżenta inqas minn nofs ta' din, b'mod li, anki jekk il-limitazzjonijiet imposti fuq ir-Renju ta' Spanja f'din tal-aħħar mir-Regolamenti Nri 685/95 u 2027/95 kienu aktar severi minn dawk li huma applikabbli għal Stati Membri oħra u l-isforz tal-flotta Spanjola kien ikun għola f'din iż-żona matul il-perijodu mill-1998 sal-2002 jekk dawn ir-restrizzjonijiet ma kinux applikabbli, mhuwiex stabbilit li minn dan jirriżultaw konsegwenzi negattivi għall-flotta Spanjola.

33 Il-Kummissjoni, filwaqt li tosserva li l-metodu tal-kalkolu tal-isforz għas-sajd stabbilit mir-Regolament Nru 1954/2003 huwa identiku għall-Istati Membri kollha, issostni li l-perijodu ta' referenza mill-1998 sal-2002 ma jinvolvi l-ebda diskriminazzjoni għad-detriment tal-flotta Spanjola. Hija tosserva f'dan ir-rigward li, filwaqt li l-limiti massimi tal-isforz għas-sajd kienu ġew stabbiliti fil-kuntest tas-sistema stabbilita fl-1995 fuq il-bażi tad-data teoretika, l-isforzi annwali massimi għas-sajd għandhom issa jkunu kkalkulati, b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 1954/2003, skont kriterju oġġettiv, jiġifieri l-isforz għas-sajd effettivament eżerċitat matul perijodu reċenti u rappreżentattiv.

34 Fir-rigward taż-żona bijoloġikament sensittiva, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-perijodu mill-1998 sal-2002 jista' validament isservi ta' perijodu ta' referenza għall-kalkolu tal-isforz għas-sajd f'din iż-żona li ma tikkoinċidix totalment ma' l-Irish Box, peress li dan jirrefletti l-isforz effettivament eżerċitat mill-flotta Spanjola u ma jikkawża l-ebda preġudizzju lil din. Din il-flotta kienet żviluppat attività intensa tas-sajd f'ċerti żoni maġenb l-Irish Box, illum inklużi f'din iż-żona bijoloġikament sensittiva, u l-isforz għas-sajd li hija b'hekk eżerċitat ikun issa meħud inkunsiderazzjoni fl-isforz li hija tista' tapplika f'din iż-żona kollha. Ir-Renju ta' Spanja minn naħa l-oħra ma jressaq l-ebda element li juri li l-limitu fis-seħħ fl-Irish Box kellu bħala effett li jnaqqas l-attività tal-flotta tiegħu u anki li din tal-aħħar kienet laħqet dan il-limitu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

35 Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 34(2) KE, jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jkunux itrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jkunux itrattati bl-istess mod, sakemm trattament bħal dan ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 1995, Fishermen's Organisations *et*, C-44/94, Ġabra p. I-3115, punt 46; tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-304/01, Ġabra p. I-7655, punt 31, u tat-8 ta' Novembru 2007, Spanja vs Il-Kunsill, C-141/05, Ġabra p. I-9485, punt 40).

36 F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, li l-illegalità tagħhom hija invokata mir-Renju ta' Spanja, huma applikabbli b'mod identiku għall-Istati Membri kollha. B'mod partikolari, il-perijodu ta' referenza mill-1998 sal-2002 u li jservi, skont dawn id-dispożizzjonijiet, għall-evalwazzjoni mbagħad għall-allokazzjoni tal-livelli ta' sforz għas-sajd għal meded ta' baħar bil-ħut u ż-żoni previsti minn dawn huwa l-istess għall-Komunità Ewropea kollha. Il-limitazzjoni tal-isforz għas-sajd stabbilita abbażi tal-isforz effettivament eżerċitat matul dan il-perijodu minn kull flotta nazzjonali f'dawn iż-żoni u meded ta' baħar bil-ħut b'hekk tapplika għall-bastimenti tas-sajd Komunitarji kollha, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom. Konsegwentement, il-miżuri kontenuti f'dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala diskriminatorji fir-rigward tar-Renju ta' Spanja ħlief, minn naħa, jekk dan kien jinsab, kif jallega, f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' Stati Membri oħra meta dawn ġew adottati u, min-naħa l-oħra, jekk mhuwiex oġġettivament ġustifikat, jekk ikun il-każ, li r-Renju ta' Spanja jkun suġġett għall-istess sistema ta' mmaniġġjar tal-isforz għas-sajd bħal dik applikabbli għall-Istati Membri l-oħra.

37 F'dan ir-rigward, għandu jiġi konstatat li, hekk kif ġie rrilevat fil-punti 61 u 62 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar'il fuq, li għalihom jirreferi l-punt 95 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-kawża preżenti, ir-Renju ta' Spanja kien ġie suġġett mill-adeżjoni tiegħu fl-Unjoni Ewropea, u dan sal-31 ta' Diċembru 2002, għal ċerti restrizzjonijiet fil-qasam tal-aċċess għal ċerti żoni u riżorsi

tas-sajd u li s-sitwazzjoni tiegħu, minkejja alinjament progressiv fuq dik ta' Stati Membri oħra, kompliet tippreżenta partikolaritajiet sat-tmiem dan il-perijodu u b'hekk matul il-perijodu ta' referenza mill-1998 sal-2002 meqjus mid-dispożizzjonijiet inkwistjoni sabiex jiġi ddeterminat l-isforz għas-sajd.

38 L-Att ta' Adeżjoni fil-fatt iddefinixxa, fl-Artikoli 156 sa 166 tiegħu, sistema li tirregola l-aċċess għall-ibħra Komunitarji u għar-riżorsi tagħhom li tillimita l-possibbiltajiet ta' sajd tal-bastimenti Spanjoli f'ċerti żoni tal-ibħra Komunitarji. B'hekk, l-Artikolu 158 tal-Att ta' Adeżjoni msemmi mir-Renju ta' Spanja fir-rikors, kien jipprovdi li 300 bastiment, stabbiliti flimkien mal-karatteristiċi tekniċi tagħhom fil-lista nominattiva li tidher fl-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni, setgħu jkunu awtorizzati jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom ta' sajd fiż-żoni V b, VI, VII, VIII a, b u d tal-ICES, u kien jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-preżenza simultanja ta' bastimenti li jidhru f'din il-lista fl-imsemmija żoni. Dan l-Artikolu 158 kien jeskludi wkoll l-aċċess għall-Irish Box. L-Artikolu 166 tal-Att ta' Adeżjoni kien jispeċifika li s-sistema definita fl-Artikoli 156 sa 164 tiegħu kellha tibqa applikabbli sad-data ta' skadenza tal-perijodu previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 170/83, tal-25 ta' Jannar 1983, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' konservazzjoni u ta' mmaniġġjar tar-riżorsi tas-sajd (ĠU L 24, p. 1) [traduzzjoni mhux uffiċjali], jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2002. L-Artikolu 162 tal-Att ta' Adeżjoni madankollu kien jipprovdi għal proċedura ta' evalwazzjoni u ta' adattazzjoni ta' din is-sistema billi jindika li l-adattazzjonijiet li jirriżultaw neċessarji jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1996.

39 Huwa b'hekk li l-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1275/94 tat-30 ta' Mejju 1994 dwar aġġustamenti għall-arranġamenti fil-kapitli dwar is-sajd fl-Att tal-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall (ĠU L 140, p. 1) kif ukoll ir-Regolamenti Nri 685/95 u 2027/95 imħassra mir-Regolament Nru 1954/2003. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1275/94 jiddisponi, għal dak li jirrigwarda r-Renju ta' Spanja, li, b'effett mill-1 ta' Jannar 1996, l-arranġamenti dwar l-aċċess għal ibħra u riżorsi preskritti fl-Artikoli 156 sa 166 tal-Att ta' Adeżjoni huma, skont l-Artikoli segwenti tar-regolament, aġġustati u inkorporati fil-miżuri Komunitarji previsti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-regolament, li japplikaw għall-bastimenti kollha tal-Komunità. L-Artikolu 3 tal-istess regolament jipprovdi li l-Kunsill għandu jadotta, skont l-Artikoli 4 u 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92, tal-20 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi sistema Komunitarja tas-sajd u tal-akwakultura [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU

L 389, p. 1), il-miżuri Komunitarji li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' aċċess għaż-żoni u għar-riżorsi suġġetti għal leġiżlazzjoni speċifika skont l-Artikoli 156 sa 166 tal-Att ta' Adeżjoni u li dawn il-miżuri għandhom josservaw il-prinċipju ta' nuqqas ta' żieda tal-isforz għas-sajd li l-livell tiegħu huwa stabbilit fl-Artikoli 158, 160, 164 u 165 tal-Att ta' Adeżjoni. Skont dan l-Artikolu 3, il-Kunsill adotta r-Regolament Nru 685/95 li jistabbilixxi, sa mill-1 ta' Jannar 1996, il-kriterji u l-proċeduri għat-twaqqif ta' sistema ta' maniġġjar tal-isforz għas-sajd fiż-żoni V b, VI, VII, VIII, IX, u X tal-ICES kif ukoll 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 ta' CECAF. Din is-sistema mbagħad ġiet stabbilita mir-Regolament Nru 2027/95 li stabbilixxa, għal kull Stat Membru, l-isforz annwali massimu tas-sajd għal kull medda ta' baħar fejn jinqabad il-ħut. Għal dak li jikkonċerna l-Irish Box, l-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 685/95 jipprovdi li l-Istati Membri kkonċernati għandhom jevalwaw l-isforz għas-sajd f'din iż-żona fuq il-bażi tal-livelli ta' attività eżistenti għall-bastimenti tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jtajru l-bandiera ta' Spanja li n-numru tagħhom, f'din iż-żona kien limitat għal 40.

40 Konsegwentement, hekk kif huwa jsostni, ir-Renju ta' Spanja kien jinsab fiż-żiem tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 1954/2003 f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' Stati Membri oħra, ikkaratterizzata b'mod partikolari bin-nuqqas ta' żieda, matul il-perijodu mill-1998 sal-2002, tal-possibbilitajiet ta' sajd hekk kif limitati mill-Att ta' Adeżjoni u minn limitazzjoni għal 40 tan-numru tal-bastimenti Spanjoli li jistgħu jkunu preżenti simultanjament fl-Irish Box.

41 Madankollu, is-sottomissjoni tar-Renju ta' Spanja għall-istess sistema ta' mmaniġġjar tal-isforz għas-sajd bħal dik applikabbli għall-Istati Membri l-oħra, stabbilita mir-Regolament Nru 1954/2003, tidher oġġettivament iġġustifikata. Minn naħa, din is-sistema tipprovdi għal metodu ta' evalwazzjoni tal-isforz għas-sajd ibbażat fuq data oġġettiva, jiġifieri l-isforz għas-sajd effettivament eżerċitat minn kull Stat Membru fiż-żoni u meded ta' baħar bil-ħut ikkonċernati matul perijodu reċenti ta' ħames snin. Min-naħa l-oħra, din is-sistema hija intiża sabiex tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd sabiex tiżgura, skont ir-raba' premessa tal-imsemmi regolament, li l-livelli attwali globali tal-isforz għas-sajd ma jaraw l-ebda żieda.

42 Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li l-għan ta' konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd jippresjedi f'kull leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, inkluż, mill-Att ta' Adeżjoni sal-adozzjoni tar-Regolament Nru 1954/2003, għal dik intiża sabiex tintegra lir-Renju ta' Spanja fis-sistema ġenerali tal-politika komuni tas-sajd. B'hekk, it-tielet premessa tar-Regolament Nru 1275/94 tgħid "d-diposizzjonijiet il-ġodda jridu jagħmlu possibbli l-integrazzjoni sħiħa ta' Spanja [...] fl-iskema ġenerali tal-politika komuni tas-sajd u jridu jkunu totalment konformi mal-acquis communautaire, b'mod partikolari dwar il-prinċipji ta' stabbilità relattiva u l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' aċċess liberu għall-ibħra kif preskritt fir-Regolament (KEE) Nru 3760/92". Minbarra dan, ir-Regolament Nru 1275/94 jgħid, fir-raba' u l-ħames premessi tiegħu li, "aċċess għal ibħra jrid ikun akkumpanjat minn sorveljanza tal-kapaċità għas-sajd li tkun tintuża, biex ikun żgurat li l-mezzi inkwistjoni jkunu adattati għar-riżorsi disponibbli" u li"dawn l-aġġustamenti ma jridux jinvolvu żieda fil-livelli ġenerali tal-isforz għas-sajd eżistenti għal kull diviżjoni tal-ICES u l-CECAF u lanqas ma jridu jaffettwaw ir-riżorsi suġġetti għal restrizzjonijiet ta' qbid". Bl-istess mod, ir-Regolament Nru 685/95 jgħid, fit-tielet u r-raba' premessi tiegħu, "huwa meħtieġ li jitħarsu l-bilanċi li jeżistu u l-acquis communautaire, partikolarment il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva" u "jiġi assigurat illi m'hemmx żieda fil-livelli totali tax-xogħol li jeżiżti tas-sajd li fl-arji u ħażniet regolati bl-Att ta' Aċċessjoni [Adeżjoni]".

43 Barra minn hekk, fir-rigward taż-żona bijoloġikament sensittiva li hija s-suġġett ta' sistema ta' sforzi speċifiċi definita fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, jirriżulta l-ewwel nett mill-inkartament li l-koinċidenza ta' din iż-żona mal-Irish Box hija limitata, peress li din tkopri inqas minn nofs din tal-aħħar. Konsegwentement, ma jistax ikun allegat li l-istabbiliment tal-imsemmija żona bijoloġikament sensittiva u l-proċedura tal-kalkolu tal-isforz annwali massimu tas-sajd għal din l-istess żona juru tentattiv li jkomplu jiġu applikati miżuri analogi għal dawk li kienu applikabbli għall-Irish Box. Mis-seba' premessa, u mill-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 jirriżulta wkoll li r-restrizzjoni speċifika tal-isforz għas-sajd prevista f'dan l-Artikolu hija wkoll intiża għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd f'żona fejn teżisti konċentrazzjoni għolja ta' marlozz u li l-metodu ta' evalwazzjoni tal-livell tal-isforz għas-sajd ikkunsidrat hija bbażata wkoll fuq kriterju oġġettiv, jiġifieri l-isforz għas-sajd eżerċitat minn bastimenti ta' għaxar metri jew aktar fit-tul kollu, bħala medja annwali tal-perjodu 1998 sal-2002 għal meded ta' baħar b'ħut tal-qiegħ.

44 Min dan isegwi li, minkejja l-fatt li r-Renju ta' Spanja kien jinsab matul l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1954/2003 f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' Stati membri oħra, l-Artikoli 3, 4 u 6 ta' dan ir-regolament ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu ksur tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni mwettaq fir-rigward tiegħu.

45 B'hekk, il-motiv preżenti għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq il-motiv ibbażat fuq abbuż ta' poter

L-argumenti tal-partijiet

46 Ir-Renju ta' Spanja jallega li l-għan reali tal-istabbiliment taż-żona bijoloġikament sensittiva prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 huwa mhux il-konservazzjoni tal-marlozz, iżda li tinżamm diskriminazzjoni fir-rigward tal-flotta Spanjola f'din iż-żona. Billi jibbaża ruħu fuq studju ppreżentat mid-delegazzjoni Spanjola fix-xahar ta' Mejju tas-sena 2003, huwa jsostni li kienu jeżistu żoni oħra li għandhom karatteristiċi bijoloġiċi simili u li l-adozzjoni ta' dawn it-tip ta' miżuri intiżi għall-konservazzjoni tal-marlozz hija rregolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, tat-30 ta' Marzu 1998, dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, p. 1). Billi adotta l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003, il-Kunsill b'hekk wettaq abbuż ta' poter.

47 Il-Kunsill essenzjalment isostni li dan il-motiv huwa bla effett peress li r-Regolament Nru 1415/2004, li huwa s-suġġett tar-rikors preżenti, jinkludi biss miżuri ta' implementazzjoni tar-Regolament Nru 1954/2003 u kien ġie adottat skont il-proċedura prevista minn dan tal-aħħar, b'mod li l-ebda proċedura ma ġiet evitata.

48 Il-Kummissjoni tosserva li l-fatt li jistgħu jeżistu żoni oħra bijoloġikament sensittivi jew il-fatt li miżuri oħra huma prevedibbli mhuwiex prova tal-eżistenza ta' abbuż ta' poter.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

49 Skont ġurisprudenza stabbilita, att huwa vvizzjat b'abbuż ta' poter biss jekk jidher, fuq il-bażi ta' indizji oġġettivi, rilevanti u konsistenti, li ġie adottat bil-għan esklużiv, jew għall-inqas determinanti, li jiġu milħuqa għanijiet oħra għajr dawk stabbiliti jew li tiġi evitata proċedura speċjalment prevista mit-Trattat KE sabiex tirmedja għaċ-ċirkustanzi tal-każ (ara s-sentenzi tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et*, C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 24, u tat-22 ta' Novembru 2001, L-Olanda vs Il-Kunsill, C-110/97, Ġabra p. I-8763, punt 137).

50 Issa, f'dan il-każ, ir-Renju ta' Spanja ma jurix li s-sistema ta' sforzi speċifiċi prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003 għaż-żona bijoloġikament sensittiva inkwistjoni ġiet adottata b'għan esklużiv jew determinanti li jintlaħqu għanijiet oħra għajr il-konservazzjoni tal-marlozz. Minbarra dan, hekk kif issostni l-Kummissjoni u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 102 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li miżuri tekniċi intiżi għall-protezzjoni taż-żgħar ta' organiżmi tal-baħar jistgħu wkoll jirriżultaw minn regolament ieħor u l-fatt li jistgħu jeżistu żoni oħra bijoloġikament sensittivi mhuwiex prova li l-Kunsill wettaq abbuż ta' poter meta adotta l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1954/2003.

51 Minn dan jirriżulta li dan il-motiv għandu għaldaqstant ukoll jiġi miċħud bħala infondat.

52 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 1954/2003 imqajma mir-Renju ta' Spanja insostenn tar-rikors tiegħu għandha tiġi miċħuda u li, peress li l-edba motiv ieħor ma tressaq rigward il-legalità tar-Regolament Nru 1415/2004, l-imsemmi rikors għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

53 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li Renju ta' Spanja tilef hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kunsill. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(4) il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

3) **Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.**

Firem